

Brussell, 12 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

11799/23

ECOFIN 771  
RELEX 886  
NIS 21  
MED 20  
COEST 439

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 409 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2022

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 409 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 409 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 11.7.2023  
COM(2023) 409 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2022**

{SWD(2023) 244 final}

## WERREJ

<b>1</b>	<b>INTRODUZZJONI.....</b>	<b>2</b>
<b>2</b>	<b>L-IŻVILUPPI MAKROEKONOMIĊI FIL-PAJJIŻI SĦAB.....</b>	<b>3</b>
2.1	Sħubija tal-Lvant .....	4
2.2	Il-Viċinat tan-Nofsinhar .....	5
2.3	Il-Balkani tal-Punent .....	6
<b>3</b>	<b>OPERAZZJONIJIET TA' ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA FL-2022 .</b>	<b>6</b>
3.1	Sħubija tal-Lvant .....	8
	• Il-Moldova: operazzjoni tal-AMF ġdida.....	8
	• L-Ukrajna: AMF ta' emerġenza.....	9
	• L-Ukrajna: AMF eċċezzjonali .....	9
	• L-Ukrajna: AMF+.....	10
3.2	Il-Viċinat tan-Nofsinhar .....	11
	• Il-Ġordan: AMF-III.....	11
	• It-Tuneżija: L-AMF għall-COVID-19.....	12
3.3	Il-Balkani tal-Punent .....	13
	• AMF għall-COVID-19 għall-Bożnija-Ħerzegovina .....	13
<b>4</b>	<b>L-IŻGURAR TAL-UŻU XIERAQ TAL-FONDI TAL-AMF: VALUTAZZJONIJIET OPERAZZJONALI, EVALWAZZJONIJIET U AWDITI</b>	<b>13</b>
4.1	Valutazzjonijiet operazzjonali.....	13
4.2	Evalwazzjonijiet.....	14
<b>5</b>	<b>ŻVILUPPI ĠENERALI RELATATI MAL-ISTRUMENT TAL-AMF.....</b>	<b>15</b>
5.1	Il-funzjonament tal-istrument tal-AMF.....	15
5.2	L-AMF fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' bejn l-2021 u l-2027.....	16
<b>6</b>	<b>INĦARSU 'L QUDDIEM – L-OPERAZZJONIJIET TAL-AMF U S- SITWAZZJONI BAĠITARJA FL-2023.....</b>	<b>18</b>

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-implimentazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi terzi fl-2022 <sup>(1)</sup>

### 1 INTRODUZZJONI

L-assistenza makrofinanzjarja, jew l-AMF, hija strument finanzjarju tal-UE<sup>(2)</sup> estiż għall-pajjiżi sħab li jkunu qegħdin jesperjenzaw kriżi fil-bilanċ tal-pagamenti. Sa mill-bidu tagħha fl-1990, l-AMF għenet biex ittejjeb l-istabbiltà makroekonomika u finanzjarja f'pajjiżi ġirien jew ġeografikament qrib l-UE, filwaqt li ħeġġet riformi strutturali. Normalment din tikkomplementa u hija kundizzjonali fuq arranġament ta' kreditu mhux prekawzjonarju miftiehem mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), iżda saret eċċezzjoni minn din il-prekondizzjoni fl-istabbiliment tal-appoġġ eċċezzjonali pprovdut lill-Ukrajna wara l-invażjoni fuq skala sħiħa mir-Russja fi Frar 2022. It-tnaqqis ta' ftit mill-pressjoni minn fuq il-pajjiż sieħeb biex jindirizza problemi tal-bilanċ tal-pagament jippermettilu jżid l-isparju fiskali tiegħu, itejjeb is-sostenibbiltà tad-dejn tiegħu u jiffoka fuq li jagħmel ir-riformi meħtieġa. Billi jagħmlu l-pjan ta' aġġustament makroekonomiku eħfef, l-operazzjonijiet tal-AMF jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp soċjali, u b'hekk il-pajjiż ikollu aktar ħin u ambitu akbar biex jindirizza l-kawżi ewlenin tal-kriżi tiegħu.

L-AMF ħafna drabi tieħu l-forma ta' self, li biex tiffinanzjah, il-Kummissjoni tissellef mis-swieq kapitali li mbagħad terġa' tagħti b'self lill-pajjiż benefiċjarju bl-istess termini. F'xi każijiet, tieħu l-forma ta' għotjiet ifffinanzjati mill-baġit tal-UE. Xi drabi, tista' tkun taħlita ta' self u għotjiet.

L-AMF tinħareġ f'pagamenti parzjali u biss jekk jiġu ssodisfati l-kriterji speċifiċi ta' riforma strutturali kollha maqbula mal-pajjiż. Dan isaħħaħ l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' aġġustament u ta' riforma b'saħħithom, immirati lejn l-indirizzar tal-għeruq tal-kriżi sottostanti, it-tisħiħ tas-sistemi ta' finanzjament pubbliku u l-appoġġ għal tkabbir sostenibbli u inklużiv u l-ħolqien tal-impjiegi. Barra minn hekk, prekondizzjoni għall-għoti tal-AMF hija l-aderenza ta' pajjiż benefiċjarju għal mekkaniżmi demokratiċi effettivi, li jinkludu li jkun hemm sistema parlamentari b'diversi partiti u li jiġi osservat l-istat tad-dritt, u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem tal-pajjiż. B'dan il-mod, l-AMF tikkomplementa l-assistenza ta' kooperazzjoni regolari tal-UE, u tikkontribwixxi għall-mira usa' tal-preservazzjoni tal-istabbiltà u tal-promozzjoni tal-prosperità u l-valuri fundamentali tal-UE lil hinn mill-fruntieri tagħha. L-AMF hija rikonoxxuta b'mod wiesgħa bħala strument effettiv biex iwieġeb għall-kriżijiet, li jippermetti li l-UE tintervjeni b'mod viżibbli u flessibbli u b'ingranaġġ politiku <sup>(3)</sup>. Dan huwa appoġġat

<sup>1</sup> Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-informazzjoni disponibbli sa April 2023.

<sup>2</sup> Il-bażi legali għall-assistenza makrofinanzjarja lil pajjiżi mhux tal-UE għajr pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp hija l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 213 tat-TFUE jista' jintuża bħala bażi legali meta l-pajjiż terz ikun jirrikjedi assistenza finanzjarja urġenti.

<sup>3</sup> L-AMF tikkomplementa wkoll azzjonijiet jew strumenti esterni oħrajn tal-UE għall-Viċinat u għall-Balkani tal-Punent, inkluż appoġġ baġitarju li għalih total ta' EUR 1 384 miljun ta' għotjiet ġew ipprovduti lir-reġjuni fl-2022. Ir-rapport dwar l-appoġġ għall-baġit l-aktar reċenti huwa disponibbli fuq: [https://international-partnerships.ec.europa.eu/system/files/2022-10/budget-support-trends-and-results-2022\\_en.pdf](https://international-partnerships.ec.europa.eu/system/files/2022-10/budget-support-trends-and-results-2022_en.pdf)

mis-sejbiet ta' diversi evalwazzjonijiet indipendenti tal-operazzjonijiet kompluti tal-AMF <sup>(4)</sup> kif ukoll mill-metaevalwazzjoni riċenti tal-aħħar 10 snin tal-operazzjonijiet <sup>(5)</sup> .

Wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni mhux iġġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-2022 uriet li kienet sena eċċezzjonali għall-AMF, billi wriet b'aktar saħħa r-rilevanza u l-flessibbiltà kontinwi tagħha biex l-UE tkun tista' testendi appoġġ finanzjarju mdaqqs fuq medda qasira ta' żmien lill-Ukrajna f'ċirkostanzi straordinarji, filwaqt li tappoġġa wkoll pajjiżi oħra fil-Viċinat tal-UE li ġew affettwati ħafna mill-konsegwenzi ekonomiċi ta' din il-gwerra. Dawn l-operazzjonijiet u l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom huma għalhekk fost il-kwistjonijiet ewlenin irrapportati f'dan ir-rapport annwali.

Ir-rapport tal-2022 huwa mħejji f'konformità mal-obbligi ta' informazzjoni tal-Kummissjoni kif stipulati fid-deċiżjonijiet varji mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill rigward l-operazzjonijiet tal-AMF<sup>(6)</sup> . Flimkien mar-rapport hemm dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jipprovi analiżi aktar dettaljata tal-kuntest makroekonomiku kif ukoll tal-implimentazzjoni ta' operazzjonijiet tal-AMF individwali.

## 2 L-IŻVILUPPI MAKROEKONOMIĊI FIL-PAJJIŻI SĦAB

Fl-2022, l-iżviluppi ekonomiċi fil-pajjiżi tal-Viċinat tal-UE u dawk tat-tkabbir kienu affettwati direttament u indirettament mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Filwaqt li l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant (SL) kienu l-aktar affettwati direttament mill-effetti konsegwenzjali li rriżultaw, ir-riperkussjonijiet inħassu wkoll fil-Viċinat tan-Nofsinhar tal-UE u fil-Balkani tal-Punent.

Fil-pajjiżi tas-SL, il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna wasslet għal deprezzament monetarju u għal pressjonijiet qawwija fuq il-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija. Il-fiduċja tal-konsumatur u tan-negozju ġiet affettwata ħafna wkoll, u flussi sinifikanti ta' migrazzjoni fir-reġjun saħħew il-pressjonijiet inflazzjonarji f'xi pajjiżi. Ir-Repubblika tal-Moldova kienet l-aktar affettwata hekk kif żdiedet l-inflazzjoni (lil hinn mil-livelli fl-Ukrajna), filwaqt li l-fiduċja tal-konsumatur u tan-negozju ġiet affettwata b'mod negattiv. B'kuntrast għal dan, l-Armenja u l-Georgia bbenefikaw mill-flussi mdaqqs ta' ċittadini Russi u mit-trasferimenti finanzjarji assoċjati kif ukoll mill-bidla fir-rotot tat-trasport minħabba l-gwerra.

Fil-Viċinat tan-Nofsinhar, minkejja l-iskopertura tan-negozjar ġenerali baxxa, il-pressjoni ħadet il-forma ta' prezzijiet ogħla tal-ikel u theddid għas-sigurtà tal-ikel (xi pajjiżi jiddependu ħafna fuq ir-Russja u fuq l-Ukrajna għall-importazzjonijiet tal-qamħ tagħhom, oġġett essenzjali kritiku u ssussidjat ħafna) kif ukoll ta' prezzijiet tal-enerġija dejjem jogħlew (għalkemm ħafna drabi ssussidjati ħafna). Madankollu, il-pajjiżi kollha tal-Viċinat tan-Nofsinhar - ħlief għal-Libanu - komplew bl-espansjoni ekonomika fl-2022.

Fil-Balkani tal-Punent, iż-żidiet sostnuti fil-prezzijiet tal-enerġija, tal-ikel u tat-trasport skattaw aċċellerazzjoni ulterjuri fl-inflazzjoni, li naqqsu l-introjt netti reali tal-unitajiet domestiċi u l-konsum privat. It-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista internazzjonali u t-tnaqqis

---

<sup>4</sup> L-evalwazzjonijiet kollha huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: [https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities\\_en](https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities_en)

<sup>5</sup> COM(2023) 0016, final; Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Evaluation of Macro financial assistance to third countries (Meta-evaluation of operations for 2010-2020)".

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2022/313; Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1201; Id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628; Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2463; Id-Deċiżjoni (UE) 2022/563; Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701; Id-Deċiżjoni (UE) 2020/33.

fid-domanda minħabba l-prospetti ta' tkabbir aktar baxxi tas-sħab kummerċjali ewlenin, inkluża l-UE, komplew ikunu ta' piż għall-perspettiva ekonomika għat-tliet reġjuni kollha, inkluż għall-esportazzjonijiet u l-investment barrani dirett, u b'hekk komplew jaggravaw l-iżbilanċi esterni eżistenti.

Din it-taqsimha teżamina l-isfidi reġjonali li qeġhdin jiffaċċjaw il-Pajjiżi tal-Viċinat tal-UE u l-Balkani tal-Punent, filwaqt li l-prestazzjoni ekonomika tagħhom hija vvalutata ulterjorment skont il-pajjiż fid-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament.

## **2.1 Sħubija tal-Lvant**

Fl-2022, l-iżviluppi ekonomiċi fil-pajjiżi kollha tas-Sħubija tal-Lvant kienu kkaratterizzati mill-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, filwaqt li l-effetti tal-pandemija naqsu gradwalment. Madankollu, l-iżviluppi ekonomiċi varjaw ħafna bejn dawn il-pajjiżi. Minn naħa waħda, l-output ekonomiku kkollassa (b'madwar -30 % fl-Ukrajna) jew naqas b'mod konsiderevoli (tnaqqis ta' 4,7 % fil-PDG tal-Belarusja u tnaqqis ta' 5,9 % fil-Moldova). Dawn il-pajjiżi ġew affettwati jew direttament (l-Ukrajna li ġarrbet il-gwerra ħarxa ta' aggressjoni tar-Russja u l-konsegwenzi umanitarji, soċjali u ekonomiċi devastanti tagħha, inkluż permezz ta' telf kbir ta' kapital fiżiku u qerda tal-infrastruttura kif ukoll ammont sinifikanti ta' refuġjati internazzjonali u interni) jew permezz ta' effetti konsegwenzjali li kkawżaw ħsara fil-fiduċja tal-konsumatur u tal-investitur. Min-naħa l-oħra, l-attività ekonomika fit-tliet pajjiżi tal-Kawkasu laħqet massimi impressjonanti. Għall-Armenja u l-Georgia, bi tkabbir tal-PDG ta' 12,6 % u 10,1 % rispettivament, dan irrifletta influż ta' ċittadini u ta' negozji Russi wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni Russa u żieda li takkumpanja fit-trasferimenti finanzjarji. L-Ażerbajġan (tkabbir tal-PDG ta' 4,6 %) ibbenefika wkoll minn flussi finanzjarji oġhla mir-Russja u minn termini ta' kummerċ pożittivi fuq prezzijiet tal-enerġija oġhla, kif ukoll mill-irkupru kontinwu ta' wara l-pandemija.

L-inflazzjoni għolja, li f'ħafna każijiet laħqet livelli li ma dehrux għal deċenni, baqgħet karatteristika komuni tas-Sħubija tal-Lvant fl-2022. Iż-żieda fil-prezzijiet tal-konsumatur laħqet il-quċċata tagħha (li laħqet ċifri doppji fil-pajjiżi kollha) f'nofs is-sena bħala riżultat tax-xokk fil-prezzijiet (l-iktar fir-rigward tal-ikel u l-enerġija) assoċjat mal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u mad-dgħufija tal-muniti lokali wara l-kunflitt. Il-flussi ta' migrazzjoni sinifikanti fir-reġjun saħħew ukoll il-pressjonijiet inflazzjonarji f'xi wħud mill-pajjiżi. Biex itaffu l-inflazzjoni, il-banek ċentrali komplew bl-isforzi tagħhom ta' ssikkar monetarju fl-2022 anki jekk il-pass taż-żidiet fir-rati naqas b'mod konsiderevoli minn nofs is-sena, wara l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet globali tal-komoditajiet u tal-muniti lokali.

Billi bbenefikaw mill-attività ekonomika robusta, it-tliet pajjiżi tal-Kawkasu rrapportaw eżiti fiskali b'saħħithom fl-2022 hekk kif id-defiċits tal-baġit kienu taħt il-miri, filwaqt li l-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku għall-PDG naqsu b'mod konsiderevoli. B'kuntrast għal dan, fost żidiet qawwija - b'mod partikolari fl-infiq fuq id-difiża - u kollass fid-dħul mill-ekonomija domestika li kienet milquta mill-gwerra, l-Ukrajna rreġistrat defiċit baġitarju enormi li kien prinċipalment iffinanzjat minn sħab internazzjonali, b'mod partikolari l-UE. Fuq il-front estern, kien hemm ukoll xejriet diverġenti. It-tliet pajjiżi tal-Kawkasu rreġistraw tkabbir qawwi fil-kummerċ, parzjalment relatat mal-bidliet fir-rotot tat-trasport li rriżultaw mill-gwerra u, fil-każ tal-Ażerbajġan, maż-żieda fil-prezzijiet globali tal-enerġija. B'kuntrast għal dan, il-kummerċ ikkollassa fl-Ukrajna minħabba l-qerda tal-istokk kapitali mir-Russja u l-imblokki ta' rotot kummerċjali ewlenin, b'mod partikolari l-Baħar l-Iswed, mir-Russja. Is-sanzjonijiet komprensivi tal-Punent kontra l-Belarusja kkontribwew għat-tnaqqis fil-kummerċ tal-pajjiż. Mil-lat pożittiv, ir-rimessi

lill-ġirien tal-Lvant b'mod sorprendenti baqgħu reżiljenti għall-gwerra u kkontribwew biex inaqqsu d-defiċit tal-kont kurrenti, u b'hekk appoġġaw - flimkien mal-finanzjament uffiċjali - l-akkumulazzjoni kontinwa ta' riżervi internazzjonali fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fir-reġjun.

Il-perspettiva b'terminu qasir għar-reġjun hija li x'aktarx se jkompli jiġi ffurmat mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna. Fattur ewlieni ieħor huwa dgħufija potenzjali tad-domanda esterna globali minħabba l-issikkar monetarju kontinwu mill-banek ċentrali ewlenin. Dan jista' jiġi paċut parzjalment minn politiki fiskali u monetarji kemxejn aktar akkomodanti fil-ġirien tal-Lvant peress li l-inflazzjoni bdiet tonqos gradwalment.

## **2.2 Il-Viċinat tan-Nofsinhar**

Minkejja r-riperkussjonijiet tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna f'termini ta' prezzijiet tal-komoditajiet u inflazzjoni ogħla li jikkawżaw l-issikkar tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament, il-pajjiżi kollha tal-Viċinat tan-Nofsinhar - ħlief għal-Libanu - komplew jaraw espansjoni ekonomika fl-2022. Minkejja l-impatt ekonomiku tat-tnaqqis gradwali tal-pandemija, it-tkabbir ekonomiku naqas u kien taħt l-aspettattivi ta' qabel il-gwerra, b'mod partikolari fit-trimestru ta' wara t-tifqigħa tal-gwerra. Id-*data* preliminari tissuġġerixxi li t-tkabbir reali tal-PDG laħaq bejn 2,0 % fil-Marokk u 7,7 % fl-Iżrael fl-ewwel nofs tal-2022.

It-tkabbir ekonomiku kien xprunat mill-irkupru kontinwu tas-settur tas-servizzi, b'mod partikolari t-turiżmu, l-ospitalità, ir-ristoranti u s-servizzi tat-trasport. L-espansjoni tal-esportaturi tal-enerġija bbenefikat b'mod partikolari minn domanda robusta u minn prezzijiet internazzjonali tal-enerġija għoljin wara l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet (tal-Punent) kontra r-Russja. Il-qgħad laħaq il-livelli ta' qabel il-pandemija fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, wara l-irkupru tal-attività ekonomika. L-inflazzjoni tal-prezzijiet għall-konsumatur aċċellerat fil-pajjiżi kollha, xprunata mill-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija u tal-ikel. B'reazzjoni għaż-żieda fl-inflazzjoni, il-banek ċentrali rrestrinġew il-pożizzjoni monetarja billi żiedu r-rati tal-imgħax b'mod partikolari fit-tieni trimestru tal-2022, wara li żammew il-pożizzjoni ta' politika akkomodattiva tagħhom fl-2021 u fil-bidu tal-2022.

Wara d-deterjorament qawwi tal-bilanċi fiskali matul il-pandemija fl-2020, id-defiċits tal-gvern naqsu fil-pajjiżi kollha. Id-dħul, b'mod partikolari l-introjt mit-taxxa, żdied bl-irkupru tal-attività ekonomika u bis-saħħa tal-inflazzjoni li qed tiżdied, filwaqt li l-infiq, b'mod partikolari fuq is-setturi soċjali u tas-saħħa, ġeneralment naqas mill-ogħla livelli tiegħu tal-2020. Dan kien parzjalment ikkumpensat minn pressjonijiet fuq l-infiq fiskali mill-konsegwenzi tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, peress li l-parti l-kbira tal-ġirien tan-Nofsinhar jissussidjaw il-qamħ u/jew il-fjuwil. Barra minn hekk, id-dejn pubbliku baqa' f'livelli rekord bħala konsegwenza tal-ħtiġijiet ta' finanzjament sostanzjali matul il-pandemija. Id-dinamika tal-kont kurrenti tvarja ħafna fil-Viċinat tan-Nofsinhar, minħabba d-differenzi kbar fl-istrutturi ekonomiċi u fil-profilu tal-kummerċ. Xprunati minn żidiet fil-prezzijiet globali tal-komoditajiet wara l-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna, iż-żidiet fil-prezzijiet għall-fjuwil u għall-gass għamlu pressjoni fuq il-kontijiet kurrenti tal-importaturi kollha tal-enerġija. L-irkupru tas-settur tat-turiżmu u r-rimessi kellhom effetti ta' mitigazzjoni għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Ir-reġjun kompli jibbenefika wkoll minn appoġġ estern minn selliefa istituzzjonali internazzjonali.

Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna għandha wkoll impatt fuq il-perspettiva tal-Viċinat tan-Nofsinhar, għalkemm fi grad inqas mis-SL. Il-konsegwenza ta' dan timplika riskji ta' tnaqqis sinifikanti għall-irkupru kontinwu, peress li l-ġirien tan-

Nofsinhar għadhom affettwati b'mod partikolari minn prezzijiet oġhla tal-ikel, tal-enerġija u ta' komoditajiet oħrajn, li jżidu l-inflazzjoni u jaffettwaw il-konsum domestiku filwaqt li jżidu l-pressjoni fuq il-baġits pubbliċi. It-tfixkil tal-ktajjen tal-provvista u tal-flussi tal-kummerċ diġà għamlu pressjoni kbira fuq is-swieq, il-finanzi pubbliċi, il-produtturi u l-konsumaturi madwar ir-reġjun, b'mod partikolari fuq il-pajjiżi li kienu jiddependu mill-esportazzjoni tal-ħbub mill-Ukrajna u mir-Russja, bħall-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu, il-Marokk u t-Tuneżija.

### **2.3 Il-Balkani tal-Punent**

L-irkupru ekonomiku fil-Balkani tal-Punent immodera b'mod sinifikanti fl-2022 minħabba l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija u l-inflazzjoni għolja li rriżultaw. Minkejja l-ftuħ mill-ġdid tal-ekonomiji wara l-pandemija tal-COVID-19 u t-turiżmu li reġa' qabad, it-tkabbir tal-output kompli jonqos fit-tielet trimestru tal-2022, bil-PDG tar-reġjun jikber b'2,1 % sena wara sena, meta mqabbel ma' 4,3 % fit-3 xhur preċedenti. Il-konsum u l-esportazzjonijiet privati baqgħu l-iżprunaturi ewlenin tat-tkabbir madwar ir-reġjun filwaqt li l-investment wera prestazzjoni mħallta, bi tnaqqis sena wara sena rreġistrat f'xi wħud mill-pajjiżi. Il-konsum pubbliku naqas f'xi pajjiżi, u dan jirrifletti parzjalment l-irtirar gradwali ta' miżuri ta' appoġġ relatati mal-pandemija.

It-tkabbir fl-impjiegi sar marġinalment negattiv fil-Balkani tal-Punent fi Q3-2022 meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Minkejja dan, ir-rati tal-qgħad naqsu jew baqgħu l-istess, u dan jirrifletti tnaqqis fil-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol f'xi pajjiżi. Żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija, tal-ikel u tat-trasport xprunaw aċċellerazzjoni sinifikanti tal-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-konsumatur fil-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent fl-2022, li wasslet lill-banek ċentrali tar-reġjun b'awtonomija monetarja biex iżidu r-rati ta' politika ewlenin tagħhom. Bl-għajjnuna tad-deċellerazzjoni tal-prezzijiet tal-ikel u tal-enerġija, l-inflazzjoni ewlenija naqset xi ftit fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi fl-aħħar xhur tal-2022.

L-irkupru ekonomiku kontinwu u l-inflazzjoni għolja appoġġaw it-tkabbir tad-dħul mill-baġit, u l-bilanċi baġitarji żdiedu aktar madwar il-Balkani tal-Punent fl-ewwel 11-il xahar tal-2022. B'mod parallel, il-proporzjon tad-dejn pubbliku mal-PDG naqas fil-pajjiżi kollha meta mqabbel ma' tmiem l-2021, u dan jirrifletti parzjalment iż-żieda fil-PDG nominali. Bejn Settembru 2021 u Settembru 2022, id-defiċit tal-kont kurrenti tar-reġjun kien ta' 6,8 % tal-PDG, it-tieni l-oġhla livell minn Q3-2020. Dan kien dovut l-aktar għaż-żieda xprunata mill-bilanċ tal-enerġija fid-defiċit kummerċjali tal-merkanzija li kienet akbar mill-irkupru qawwi nnotat fl-esportazzjonijiet tas-servizzi u l-influssi oġhla ta' rimessi.

Hemm riskji negattivi sinifikanti għall-perspettiva ekonomika tal-Balkani tal-Punent minħabba l-gwerra kontinwa ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, prinċipalment permezz tal-impatt ta' inflazzjoni għolja fuq id-dħul u l-konsum disponibbli reali, kif ukoll kundizzjonijiet finanzjarji aktar stretti.

## **3 OPERAZZJONIJIET TA' ASSISTENZA MAKROFINANZJARJA FL-2022**

Fir-rebbiegħa tal-2022, tlestew iż-żewġ operazzjonijiet tal-AMF li kien fadal taħt il-pakkett tal-AMF għall-COVID-19 <sup>(7)</sup>. Filwaqt li t-Tuneżija rċeviet l-iżborż tal-pagament

---

<sup>7</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 li ttiprovdi EUR 3 biljun f'self tal-AMF lil 10 pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat.

parzjali finali fil-25 ta' Mejju 2022, it-tieni pagament parzjali għall-Bożnija-Herzegovina ġie kkanċellat, minħabba li sebgħa minn disa' kundizzjonijiet ta' politika ma ġewx issodisfati.

Bit-tlestija tal-pakkett tal-AMF għall-COVID-19, fl-2022 saret enfasi biex jinstabu modi kif tiġi pprovduta assistenza finanzjarja ġdida lill-Ukrajna, minħabba l-gwerra kontinwa ta' aggressjoni tar-Russja, b'mod raġonevolment sikur (bir-rikonoxximent tal-inċertezza eċċezzjonali madwar l-operazzjonijiet u minħabba li, il-prekondizzjoni tas-soltu tal-operazzjoni tal-AMF li tkun appoġġata minn programm tal-FMI komplut ma ġietx issodisfata). Wara l-bidu tal-gwerra, fit-28 ta' Frar 2022, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw deċiżjoni li jipprovdu assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza lill-Ukrajna sa EUR 1,2 biljun f'self, u b'hekk jawtorizzaw is-sitt operazzjoni tal-AMF fl-Ukrajna mill-2014.

F'sitwazzjoni ta' ħtiġijiet ta' finanzjament intensifikati u akuti għall-Ukrajna, fit-tieni nofs tal-2022, l-UE adottat żewġ operazzjonijiet eċċezzjonali addizzjonali tal-AMF, li awtorizzat l-iżborż ta' EUR 6 biljun oħra lill-pajjiż sa Diċembru 2022. Għaż-żewġ operazzjonijiet eċċezzjonali tal-AMF, ir-rata ta' proviżjonament żdiedet minn 9 %, kif stipulat mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - ir-Regolament "Ewropa Globali" (ir-Regolament NDICI), għal 70 % (tal-anqas temporanjament, bl-adeqwatezza tar-rata ta' proviżjonament li għandha tiġi rieżaminata darbtejn fis-sena fid-dawl tal-inċertezza dwar is-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti fl-Ukrajna sakemm il-gwerra tkun għadha għaddejja).

Inqas minn xahrejn wara t-talba mill-Kunsill Ewropew fl-20-21 ta' Ottubru biex tiġi stabbilita soluzzjoni aktar strutturali għall-għoti ta' assistenza lill-Ukrajna fl-2023, ir-Regolament "AMF+" daħal fis-seħħ fis-17 ta' Diċembru. Dan l-istrument il-ġdid se jiżgura finanzjament aktar prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu biex l-Ukrajna tkun tista' tkopri parti tajba mill-ħtiġijiet ta' finanzjament immedjati tagħha, ir-riabilitazzjoni tal-infrastruttura kritika u l-appoġġ inizjali lejn ir-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, bil-għan li jappoġġa lill-pajjiż fit-triq tiegħu lejn l-integrazzjoni Ewropea.

Barra minn hekk, kif rifless fl-isem "AMF+", dan l-istrument il-ġdid jintroduċi ċerti bidliet fil-prattiki standard tal-AMF biex dan jiġi adattat għaċ-ċirkostanzi straordinarji li jipprovdi appoġġ lil pajjiż fil-gwerra, b'mod partikolari għall-ħtiġijiet għoljin ta' inċertezza, riskji u flessibbiltà. Il-bidliet jinkludu żieda preferenzjali tas-self (maturità oġhla sa 35 sena b'perjodu ta' grazzja ta' 10 snin u sussidju tar-rata tal-imgħax), flessibbiltà bil-kundizzjonalità tal-politika strutturali (progress sodisfaċenti lejn l-implimentazzjoni meħtieġa biss, għall-iżborżi kollha ħlief tal-aħħar), it-tneħħija kontinwa mill-iżborż tal-programm tal-FMI u r-reqwiżiti ta' rapportar imtejba. Dawn l-elementi huma spjegati f'aktar dettall fit-Taqsima 3.1 hawn taħt u fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha. L-20 kundizzjoni ta' politika mmirati li fuqhom hija bbażata din l-operazzjoni tfasslu bir-reqqa biex jiżguraw ir-rilevanza u l-fattibbiltà tagħhom fis-sitwazzjoni attwali. Dawn ikopru l-erba' oqsma ta' stabbiltà makrofinanzjarja, riformi strutturali u governanza tajba, l-istat tad-dritt, u l-enerġija.

F'Novembru 2021, wara kriżi tal-gass fil-Moldova, li kellha impatt qawwi fuq l-ekonomija u li xprunat il-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha, l-awtoritajiet ippreżentaw talba għal AMF ġdida. Bi tweġiba għal dan, l-UE qablet fuq operazzjoni ġdida għall-Moldova ta' EUR 150 miljun, li tinkludi EUR 120 miljun f'self u EUR 30 miljun f'għotjiet. L-operazzjoni hija sostnuta minn programm ta' riforma ekonomika li jkopri 15-il azzjoni dwar l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u l-governanza tas-settur finanzjarju, it-titjib tal-ambjent tan-negozju u r-riformi tas-settur tal-enerġija. L-ewwel u t-tieni pagament parzjali ngħataw b'suċċess f'Lulju 2022 u f'Marzu 2023.

L-ekonomija tal-Moldova kellha impatt partikolarment qawwi mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li kkontribwiet għall-ħtiġijiet ta' finanzjament ogħla tagħha, amplifikati ulterjorment mill-kriżi tal-enerġija li għaddejjja. Fid-dawl ta' dan, l-awtoritajiet talbu aktar appoġġ internazzjonali. Fl-10 ta' Novembru 2022, il-President von der Leyen ħabbret pakkett ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-Moldova ta' EUR 250 miljun, li għandu jiġi pprovdut parzjalment permezz tal-AMF. Fl-24 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni adottat proposta biex iżżid l-appoġġ tal-AMF ta' bħalissa b'EUR 145 miljun, inklużi EUR 100 miljun f'self fuq termini preferenzjali, u EUR 45 miljun f'għotjiet.

Minbarra l-assistenza finanzjarja pprovduta għall-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, fl-2022 ġiet stabbilita wkoll it-tielet AMF regolari għall-Ġordan. Wara t-twettiq tal-14-il riforma ta' politika pendenti kollha ħlief waħda, bil-kundizzjoni li jsiru emendi għal-Liġi dwar l-Arrikkiment Illeċitu rrinunzjati bi qbil mal-kumitat tal-Istati Membri għall-AMF, it-tielet u l-aħħar pagament parzjali ngħataw fil-31 ta' Marzu 2023.

## **L-istatus ta' implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-AMF fl-2022 (skont ir-reġjun):**

### **3.1 Sħubija tal-Lvant**

- **Il-Moldova: operazzjoni tal-AMF ġdida**

F'Novembru 2021, wara t-tifqigħa ta' kriżi tal-enerġija li tirrifletti d-dipendenza enerġetika tal-pajjiż fuq ir-Russja, minkejja l-irkupru ekonomiku wara l-pandemija, il-Moldova talbet uffiċjalment operazzjoni AMF ġdida. Wara valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet tal-finanzjament, il-Kummissjoni ħejjiet proposta għal appoġġ sa EUR 150 miljun, inkluż EUR 120 miljun f'self u EUR 30 miljun f'għotjiet. Id-deċizzjoni li tiġi pprovduta AMF addizzjonali lill-Moldova ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fis-6 ta' April 2022. Wara r-ratifika mill-Parlament tal-Moldova, l-AMF daħlet fis-seħħ fit-18 ta' Lulju 2022. Wara li ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ta' politika miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil (MtQ), l-ewwel pagament parzjali ngħata f'Lulju 2022 u t-tieni pagament parzjali f'Marzu 2023, it-tnejn ta' EUR 50 miljun f'self kif ukoll f'għotjiet. Taħt l-operazzjoni kurrenti, il-Moldova għad għandha EUR 50 miljun disponibbli x'jiġu żborżjati f'pagament parzjali wieħed. Barra minn hekk, fl-24 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni adottat proposta biex iżżid l-appoġġ tal-AMF li għaddej bħalissa b'EUR 145 miljun. L-AMF addizzjonali hija parti minn pakkett ta' appoġġ akbar mill-Kummissjoni lill-Moldova fid-dawl tal-pożizzjoni esterna li qed tiddeterjora tal-pajjiż minħabba l-kriżi serja tal-enerġija fil-ħarifa/fix-xitwa tal-2022/2023. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill u mill-Parlament, huwa mistenni li l-AMF addizzjonali tiġi tħallas f'żewġ pagamenti parzjali fit-tieni nofs tal-2023, meta l-azzjonijiet ta' politika korrispondenti jkunu ġew issodisfati.

L-operazzjoni regolari tal-AMF kif ukoll iż-żieda proposta jibqgħu soġġetti għal rekord pożittiv tal-programm tal-FMI għall-Moldova tal-Faċilità ta' Kreditu Estiż/Faċilità ta' Fond Estiż, adottati f'Diċembru 2021 u miżjuda f'Mejju 2022. Wara ż-żieda, il-programm tal-Fond jammonta għal USD 815 miljun. F'Jannar 2023, il-FMI kkonkluda b'suċċess it-tieni rieżami tiegħu, filwaqt li vvaluta l-progress ġenerali fuq il-programm bħala wieħed pożittiv.

- **L-Ukrajna: AMF ta' emerġenza**

L-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea lill-Ukrajna bi tweġiba għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja żdied progressivament, b'mod parallel mas-sitwazzjoni diffiċli li qed tiżviluppa fil-prattika u abbażi ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna. Dan l-approċċ gradwali rriżulta fil-forniment ta' tliet operazzjonijiet tal-AMF lill-Ukrajna fl-2022, fejn l-inċertezza għolja u ċ-ċirkostanzi straordinarji talbu għal elementi ġodda u eċċezzjonali ta' flessibilità akbar, iżda wkoll għal proviżjonament oġġha, kif spjegat aktar 'il quddiem u fid-dokument ta' ħidma tal-persunal meħmuż. Operazzjoni ta' emerġenza tal-AMF sa EUR 1,2 biljun ġiet segwita minn pakkett eċċezzjonali tal-AMF li jikkonsisti f'żewġ operazzjonijiet sa EUR 1 biljun u EUR 5 biljun, rispettivament.

Fil-kuntest tat-tensjonijiet ġeopolitiċi dejjem jiżdiedu ta' qabel il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, u bi tweġiba għal talba uffiċjali mill-Ukrajna tas-16 ta' Novembru 2021 għal operazzjoni ta' AMF fit-tul ta' EUR 2,5 biljun, fl-1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta dwar il-forniment ta' AMF ta' emerġenza ġdida lill-Ukrajna sa EUR 1,2 biljun f'self, li għandha titħallas f'żewġ pagamenti parzjali ndaqs. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw b'mod rapidu d-Deċiżjoni fit-28 ta' Frar 2022, b'hekk awtorizzaw is-sitt operazzjoni tal-AMF fl-Ukrajna mill-2014. Il-Kummissjoni u l-Ukrajna ffirmaw il-MtQ relatat fit-3 ta' Marzu, li ppermetta l-iżborż rapidu ħafna tal-ewwel pagament parzjali ta' EUR 600 miljun f'żewġ segmenti fil-11 u fit-18 ta' Marzu 2022. Barra minn hekk, iċ-ċirkostanzi tal-gwerra jikkostitwixxu avveniment ta' *force majeure* li impedixxa t-tlestija effettiva tal-miżuri ta' politika strutturali - prekondizzjoni għall-iżborż tat-tieni pagament parzjali tal-AMF, anki jekk l-awtoritajiet kienu ħadu passi biex jindirizzawhom kollha. Bħala reazzjoni eċċezzjonali għall-ħtiġijiet ta' finanzjament akuti tal-Ukrajna, u peress li l-kundizzjonalità miftiehma fil-MtQ ma setgħetx tinkiseb f'dan l-istadju minħabba raġunijiet ta' *force majeure*, il-Kummissjoni ddeċidiet, wara konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Istati Membri għall-AMF, li tipproċedi bl-iżborż tat-tieni pagament parzjali ta' EUR 600 miljun f'Mejju, bħala kwistjoni ta' urġenza.

- **L-Ukrajna: AMF eċċezzjonali**

Is-sitwazzjoni ta' finanzjament saret dejjem aktar akuta matul is-sajf tal-2022 bl-Ukrajna jkollha tistampa dejjem aktar flus u tiġbed ir-riżervi. Bħala parti mill-appoġġ straordinarju tal-UE lill-Ukrajna, fl-1 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni pproponiet operazzjoni AMF ġdida ta' EUR 1 biljun għall-Ukrajna fil-forma ta' self b'valur għoli u fit-tul (meta mqabbel mal-kundizzjonijiet tas-soltu - ara hawn taħt). Din il-proposta kienet l-ewwel parti tal-appoġġ eċċezzjonali tal-AMF sa EUR 9 biljun imħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Għajnuna lill-Ukrajna u r-Rikostruzzjoni tagħha tat-18 ta' Mejju 2022 u approvata mill-Kunsill Ewropew fit-23-24 ta' Ġunju 2022. Din l-AMF eċċezzjonali kellha l-għan li tipprovdi assistenza finanzjarja immedjata f'sitwazzjoni ta' ħtiġijiet ta' finanzjament akuti u li tiżgura l-funzjonament kontinwu tal-aktar funzjonijiet kritiċi tal-istat Ukren. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Deċiżjoni fit-12 ta' Lulju 2022, bl-użu tal-flessibilitajiet proċedurali kollha disponibbli biex adottawha b'veloċità rekord. Il-Kummissjoni u l-Ukrajna ffirmaw il-MtQ relatat fid-19 ta' Lulju, li ppermetta l-iżborż tal-ammont kollu ta' din l-AMF f'żewġ segmenti fil-bidu ta' Awwissu 2022.

Fis-7 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni pproponiet operazzjoni ġdida tal-AMF ta' EUR 5 biljun f'self bħala t-tieni parti tal-pakkett eċċezzjonali tal-AMF. Id-Deċiżjoni

dwar l-AMF ġiet adottata malajr ħafna mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-20 ta' Settembru 2022, u għal darb'oħra għamlet użu mill-flessibbiltajiet proċedurali kollha disponibbli biex tħaffef il-proċess. Wara d-dħul fis-seħħ tal-MtQ fl-4 ta' Ottubru, l-ewwel pagament parzjali ta' EUR 2 biljun ġie żborżat lill-Ukrajna fit-18 ta' Ottubru. It-tieni żborż ta' EUR 2,5 biljun segwa fit-22 ta' Novembru 2022. It-tielet u l-aħħar pagament ta' EUR 500 miljun ġew rilaxxati fl-14 ta' Diċembru 2022. L-operazzjonijiet eċċezzjonali tal-AMF, li ġabu l-appoġġ finanzjarju immedjat tal-UE lill-Ukrajna mill-bidu tal-invażjoni fuq skala sħiħa Russa għal total ta' EUR 7,2 biljun, kienu vitali biex tinżamm l-istabbiltà makroekonomika fil-pajjiż.

Minħabba ċ-ċirkostanzi straordinarji fl-Ukrajna minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-pajjiż, dawn l-operazzjonijiet eċċezzjonali tal-AMF introduċew xi novitajiet, li ma għandhomx jitqiesu bħala preċedent għal operazzjonijiet futuri tal-AMF<sup>(8)</sup>. Maturità medja ġenerali sa massimu ta' 25 sena, meta mqabbla mal-15-il sena tradizzjonali, u l-possibbiltà li l-baġit tal-UE jkopri l-kostijiet tar-rati tal-imgħax u l-pagamenti tat-tariffi amministrattivi saħħew in-natura konċessjonali tal-assistenza. Biex tissaħħaħ il-flessibbiltà fis-sitwazzjoni straordinarja tal-gwerra, u għall-kuntrarju ta' operazzjonijiet regolari tal-AMF, l-AMF eċċezzjonali ma kellha l-ebda rabta formali ma' programm tal-FMI ta' żborż. Il-kundizzjonalità tal-politika, li wriet li hija valur miżjud ewlieni tal-assistenza makrofinanzjarja, kienet limitata għall-kundizzjonijiet rilevanti li tqiesu fattibbli u li setgħu jkunu mistennija li jiġu implimentati malajr b'livell ta' ċertezza raġonevolment għoli. Fl-aħħar nett, ġiet introdotta sistema ta' rekwiżiti ta' rapportar li għandha l-għan li tiżgura li l-fondi riċevuti ntefqu b'mod effiċjenti, trasparenti u responsabbli.

L-awtoritajiet Ukreni impenjaw ruħhom li jipprovdu rapporti ta' kull xahar dwar id-dħul u l-infiq tal-baġit tal-Istat għal-linji ewlenin tan-nefqa u li jinkludu dettalji dwar il-miżuri amministrattivi u finanzjarji fis-seħħ u l-kontrolli interni. Barra minn hekk, l-appoġġ ta' dawn l-operazzjonijiet żdied permezz ta' rata ta' proviżjonament ta' 70 % minflok id-9 % tas-soltu kif stipulat mir-Regolament NDICI. L-istandard ta' 9 % jibqa' fil-forma ta' proviżjonament ta' riżerva u dak ta' 61 % fil-forma ta' garanzija tat-tieni telf mill-Istati Membri. Dan kien kopert mill-baġit tal-UE għall-ewwel operazzjoni, f'konformità mal-proċeduri operazzjonali regolari, filwaqt li għat-tieni parti, kien appoġġat minn garanziji mill-Istati Membri (ara l-Kaxxa 1).

Dawn l-elementi ġodda u eċċezzjonali, f'termini ta', pereżempju, żieda fir-rata preferenzjali, flessibbiltà u rapportar imsaħħaħ ispiraw ukoll it-tfassil tal-istrument AMF+ li jipprovdi assistenza finanzjarja lill-Ukrajna għall-2023.

- **L-Ukrajna: AMF+**

Fi żmien xahar wara t-talba tal-Kunsill Ewropew tal-20-21 ta' Ottubru biex jiġi stabbilit approċċ aktar strutturat għall-għoti ta' assistenza lill-Ukrajna għall-2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta biex tipprovdi EUR 18-il biljun ta' appoġġ fil-forma ta' self preferenzjali ħafna lill-Ukrajna għall-2023 permezz ta' strument AMF+ ġdid. Dan l-istrument il-ġdid jiżgura finanzjament aktar prevedibbli, kontinwu, ordnat u f'waqtu biex jagħti kontribut imdaqqas għall-ħtiġijiet ta' finanzjament immedjati tal-Ukrajna, għar-

---

<sup>8</sup> Minn perspettiva baġitarja, in-novità ewlenija hija l-introduzzjoni ta' rata ta' kopertura ġenerali ta' 70 % tas-self eċċezzjonali tal-AMF lill-Ukrajna, fejn ir-rata ta' proviżjonament tradizzjonali ta' 9 % skont il-baġit tal-UE tiżdied b'garanziji nazzjonali bilaterali għall-61 % tal-kopertura li jifdal.

riabilitazzjoni tal-infrastruttura kritika u għall-appoġġ inizjali għar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra, bil-ħsieb li jappoġġa lill-pajjiż fit-triq tiegħu lejn l-integrazzjoni Ewropea.

L-istrument tal-AMF+, minbarra li jintegra l-elementi ġodda introdotti mill-pakkett eċċezzjonali tal-AMF, eż. self preferenzjali msaħħa permezz ta' maturitajiet tas-self itwal u sussidju tar-rata tal-imgħax, it-tneħħija kontinwa minn programm tal-FMI ta' żborż, flessibbiltà akbar bil-kundizzjonalità tal-politika strutturali u rekwiżiti ta' rapportar imtejba, jippermetti d-direzzjonar ta' kontribuzzjonijiet bilaterali ta' partijiet terzi lejn ir-rikostruzzjoni ta' infrastruttura kritika fl-Ukrajna <sup>9</sup>). Wara proċess rapidu ieħor bl-użu tal-flessibbiltajiet proċedurali kollha, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament li jstabilixxi l-AMF+ fl-14 ta' Diċembru 2022. L-20 kundizzjoni ta' politika mmirati li fuqhom hija bbażata din l-operazzjoni għal darb'oħra ġew imfassla bir-reqqa biex jiżguraw ir-rilevanza u l-fattibbiltà tagħhom fis-sitwazzjoni attwali. Dawn ikopru l-erba' oqsma ta' stabbiltà makrofinanzjarja - riformi strutturali u governanza tajba, l-istat tad-dritt, u l-enerġija. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza bil-pakkett eċċezzjonali tal-AMF u jirrikonoxxu l-impatt tas-sitwazzjoni straordinarja kontinwata, minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, fuq il-kapaċità tal-awtoritajiet li jimplementaw ir-riformi, huwa meħtieġ progress sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-politika biex ikun jista' jsir l-iżborż tal-pagamenti parzjali, ħlief għall-iżborż finali li jkun kundizzjonali fuq implimentazzjoni sħiħa. Il-possibbiltà għal rieżami ta' nofs it-terminu tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ) tipprevedi flessibbiltà addizzjonali biex tiġi ttestjata l-fattibbiltà ta' dawn il-kundizzjonijiet minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna li għaddejja.

Il-Kummissjoni u l-Ukrajna ffirmaw il-MtQ u l-Ftehim dwar Faċilità ta' Self (LFA) fis-16 ta' Jannar 2023, li t-tnejn li huma daħlu fis-seħħ fl-istess jum. L-ewwel pagament parzjali ta' EUR 3 biljun f'self ġie żborżat fis-17 ta' Jannar 2023, bit-tieni pagament parzjali ta' EUR 1,5 biljun li segwa xahrejn wara fil-21 ta' Marzu. Sakemm ikun hemm konformità mal-prekondizzjoni politika, ir-rekwiżiti ta' rapportar imsaħħa dwar l-użu tal-fondi u aktar progress sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità tal-politika strutturali miftiehma, l-istrument tal-AMF+ huwa maħsub biex jipprovdi lill-Ukrajna b'assistenza ta' madwar EUR 1,5 biljun fix-xahar sa tmiem l-2023 (u li ppermettew dan l-iżborż fil-25 ta' April).

### 3.2 *Il-Viċinat tan-Nofsinhar*

- **Il-Ġordan: AMF-III**

Wara t-tielet AMF lill-Ġordan ta' EUR 500 miljun f'self li daħlet fis-seħħ f'Jannar 2020, l-awtoritajiet tal-Ġordan talbu assistenza addizzjonali f'April 2020, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, u l-UE qablet li jkun hemm "pagament supplimentari" tal-AMF ta' EUR 200 miljun f'self. Il-kundizzjonalità tal-politika tal-AMF tiffoka primarjament fuq it-titjib tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u fuq ir-riformi fis-settur tal-utilitajiet, il-politika soċjali u tas-suq tax-xogħol, u fuq il-governanza.

L-ewwel pagament parzjali (EUR 100 miljun, flimkien ma' EUR 150 miljun bħala pagament supplimentari relatat mal-COVID-19) ġie żborżat fil-25 ta' Novembru 2020.

---

<sup>9</sup> Minn perspettiva baġitarja, in-novità ewlenija tal-istrument tal-AMF+ hija l-kopertura tal-iskoperturi tas-self tal-AMF+ mill-marġni tal-baġit tal-EUR, u b'hekk ma għandha l-ebda implikazzjoni immedjata għad-disponibbiltà li jifdal tal-allokazzjonijiet baġitarji fil-perjodu attwali tal-QFP.

It-tieni u t-tielet pagamenti parzjali huma soġġetti għall-kundizzjonalità speċifika tal-politika maqbula bejn il-Ġordan u l-UE fil-MtQ. It-tieni pagament parzjali (EUR 200 miljun u pagament supplimentari ta' EUR 50 miljun) ġew żborżati fl-20 ta' Lulju 2021, u kkonkludew b'suċċess il-parti tal-assistenza relatata mal-COVID-19. It-tielet pagament parzjali ta' EUR 200 miljun ġie rilaxxat fil-31 ta' Marzu 2023, wara valutazzjoni pożittiva tal-kundizzjonalità tal-politika relatata.

Dawn l-operazzjonijiet tal-AMF huma pprovduti flimkien mar-riżorsi minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u minn donaturi bilaterali, inkluż il-FMI. Fil-25 ta' Marzu 2020, il-FMI approva programm ta' Faċilità ta' Fond Estiża ta' 4 snin mal-Ġordan ta' madwar USD 1,3 biljun inizjalment (270 % tal-kwota tiegħu), li żdied darbtejn fl-2021/2022 għal madwar USD 1,49 biljun (334 % tal-kwota tiegħu) biex iżid l-appoġġ biex jgħin lill-pajjiż ilaħħaq mal-impatt tal-pandemija fuq il-popolazzjoni, filwaqt li ospita 1,3 miljun rifuġjat Sirjan. Il-FMI approva l-ħames rieżami tal-EFF f'Diċembru 2022, li għamel madwar USD 343 miljun disponibbli minnufih. Dan iġib l-ammont totali ta' ħlasijiet tal-FMI lill-Ġordan mill-bidu tal-2020 għal madwar USD 1,7 biljun, li jinkludu madwar EUR 366 miljun f'assistenza ta' emerġenza skont l-Istrument ta' Finanzjament Rapidu f'Mejju 2020 biex jgħin lill-pajjiż jitratta l-impatt tal-pandemija. Filwaqt li d-dejn pubbliku tal-Ġordan baqa' għoli b'113,2 % tal-PDG fl-2022, dan ġie vvalutat bħala sostenibbli mill-FMI f'Diċembru 2022.

- **It-Tuneżija: L-AMF għall-COVID-19**

Bħala parti mill-pakkett tal-AMF għall-COVID-19 adottat f'Mejju 2020, l-UE qablet fuq programm ta' AMF ta' EUR 600 miljun f'self għat-Tuneżija. B'riflessjoni għal proċeduri twal fil-pajjiż sieħeb, saret l-operazzjoni relatata mal-COVID-19 ta' qabel tal-aħħar li għandha tidħol fis-seħħ: il-MtQ u l-LFA ġew iffirmati fl-24 ta' Novembru 2020, ratifikati mill-Parlament tat-Tuneżija fil-15 ta' April 2021 u daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Mejju 2021 mal-pubblikazzjoni f'Il-Gazzetta Uffiċjali tat-Tuneżija. Għalhekk, il-perjodu ta' disponibbiltà ta' 12-il xahar tal-programm baqa' għaddej sa Mejju 2022. Il-kundizzjonalità tal-politika tal-AMF iffokat primarjament fuq erba' oqsma tematiċi, jiġifieri l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi u r-riforma tas-settur ċivili, ir-riformi fl-intrapriżi tal-Istat, il-protezzjoni soċjali u l-klima tal-investment.

L-AMF ġiet ipprovduta f'żewġ pagamenti parzjali ta' EUR 300 miljun kull wieħed. L-ewwel pagament parzjali kien soġġett għall-prekondizzjonijiet politiċi ġenerali għall-AMF u ġie żborżat fl-1 ta' Ġunju 2021. Ir-riformi ta' politika meħtieġa għall-iżborż tat-tieni segment jew ġew issodisfati jew ġew issodisfati b'mod wiesa' matul l-2022. Minkejja t-tħassib dwar il-prekondizzjonijiet politiċi wara d-deterjorament fis-sitwazzjoni politika minn nofs l-2021, u wara valutazzjoni bir-reqqa tas-sitwazzjoni u ittra mill-awtoritajiet li jipprovdu assigurazzjonijiet u li jstabbilixxu impenji fuq kalendarju politiku, it-tieni pagament parzjali ġie żborżat fil-25 ta' Mejju 2022.

L-assistenza kkomplementat ir-riżorsi magħmula disponibbli minn donaturi oħrajn, inkluż il-FMI, fl-ambitu tal-programm tiegħu ta' Faċilità ta' Finanzjament Rapidu ta' EUR 685 miljun mat-Tuneżija approvat fl-10 ta' April 2020.

### 3.3 *Il-Balkani tal-Punent*

- **AMF għall-COVID-19 għall-Bożnija-Herzegovina**

Wara talba uffiċjali għall-AMF mill-Bożnija-Herzegovina fl-14 ta' April 2020 biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19, ġew inklużi EUR 250 miljun għall-Bożnija-Herzegovina f'self fil-pakkett tal-AMF għall-COVID-19. Il-MtQ u l-LFA ġew iffirmati fil-15 ta' Jannar 2021 u daħlu fis-seħħ fid-9 ta' Ġunju 2021, li għamilha l-aħħar waħda mill-operazzjonijiet relatati mal-COVID-19 li għandha tidħol fis-seħħ. Dan id-dewmien sostanzjali kien ikkawżat mill-proċessi twal tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-pajjiż. Il-kundizzjonijiet ta' politika tal-AMF għat-tieni pagament kellhom l-għan li jindirizzaw uħud mid-dgħufijiet fil-governanza ekonomika u fil-bini tal-istituzzjonijiet, kif ukoll fl-istabbiltà tas-settur finanzjarju u fit-trasparenza, u biex jappoġġaw il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u funzjonament aħjar tas-suq tax-xogħol.

L-AMF kellha tiġi provduta f'żewġ pagamenti parzjali ta' EUR 125 miljun kull wieħed. L-ewwel pagament parzjali ġie żborżat fis-7 ta' Ottubru 2021 mingħajr kundizzjonijiet, filwaqt li t-tieni segment ma ġiex żborżat minħabba implimentazzjoni insuffiċjenti tal-kundizzjonijiet ta' politika miftiehma fil-perjodu ta' disponibbiltà tal-AMF, b'sebgħa minn disa' riformi ma tlestewx.

L-assistenza kkomplementat ir-riżorsi magħmula disponibbli minn donaturi oħrajn, inkluż il-FMI, fl-ambitu tal-programm tiegħu ta' Faċilità ta' Finanzjament Rapidu (RFI) ta' EUR 330 miljun għall-Bożnija-Herzegovina, approvat fl-20 ta' April 2020.

#### **4 L-IŻGURAR TAL-UŻU XIERAQ TAL-FONDI TAL-AMF: VALUTAZZJONIJIET OPERAZZJONALI, EVALWAZZJONIJIET U AWDITI**

##### **4.1 *Valutazzjonijiet operazzjonali***

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-UE, il-Kummissjoni, bl-għajjnuna ta' konsulenti esterni, twettaq valutazzjonijiet operazzjonali bil-għan li tikseb assigurazzjonijiet raġonevoli dwar il-funzjonament tal-proċeduri amministrattivi u ċ-ċirkwiti finanzjarji fil-pajjiżi benefiċjarji.

Il-valutazzjonijiet operazzjonali jiffokaw fuq is-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari fuq kif jiġu organizzati l-ministeri għall-finanzi u l-banek ċentrali u liema proċeduri jimplimentaw u, b'mod aktar speċifiku, fuq kif jiġu ġestiti l-kontijiet li jirċievu fondi tal-UE. Tingħata wkoll attenzjoni speċjali għall-funzjonament, l-indipendenza u l-programmi ta' ħidma tal-istituzzjonijiet tal-awditjar esterni, u għal kemm huma effettivi l-kontrolli tagħhom. Jiġu eżaminati wkoll il-proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-livell ċentrali.

Fl-2022, inbdiet valutazzjoni operazzjonali ġdida tal-Ukrajna fil-kuntest tal-operazzjoni tal-AMF+. Il-konsulenti esterni kkonkludew li, minkejja l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, iċ-ċirkwiti u l-proċeduri finanzjarji tal-pajjiż jitqiesu xierqa biżżejjed għall-finijiet tal-AMF. Huma kkonfermaw li s-sistemi pubbliċi ta' ġestjoni finanzjarja tal-Ukrajna u ċirkwiti finanzjarji oħra tjiebu b'mod konsiderevoli fis-snin ta' wara l-valutazzjoni operazzjonali tal-2018 u li l-gvern tal-Ukrajna jibqa' impenjat li jtejjeb is-sistemi u l-proċessi, b'biżżejjed evidenza li tissuġġerixxi li seħħew diversi riformi kruċjali jew li kienu għaddejjin qabel ma ġew interrotti f'daqqa mill-invażjoni fuq skala sħiħa Russa.

## 4.2 Evalwazzjonijiet

F'konformità mar-Regolament Finanzjarju tal-UE u d-deċiżjonijiet korrispondenti tal-AMF, il-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet <sup>(10)</sup> wara t-tlestija tal-operazzjonijiet tal-AMF sabiex tivvaluta l-impatt tagħhom. Iż-żewġ objettivi ewlenin ta' dawn l-evalwazzjonijiet huma li:

- i. jiġi analizzat l-impatt tal-AMF fuq l-ekonomija tal-pajjiż benefiċjarju, u b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà tal-pożizzjoni esterna tiegħu; u
- ii. jiġi vvalutat il-valur miżjud tal-azzjoni tal-UE.

F'Settembru 2022, wara t-tlestija tal-istudju estern fl-2021, il-Kummissjoni ppubblikat dokument ta' ħidma tal-persunal li jstabilixxi r-riżultati tal-evalwazzjoni konġunta tal-operazzjonijiet mat-Tuneżija u mal-Ġordan.

Barra minn hekk u lil hinn mill-obbligi legali, il-Kummissjoni lestiet metaevalwazzjoni tal-operazzjonijiet kollha tal-AMF matul l-2010-2020 li diġà ġew ippreżentati fir-rapport tas-sena l-oħra, filwaqt li qieset ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju. Il-metaevalwazzjoni vvalutat il-prinċipji u l-karatteristiċi li jirregolaw l-istrument tal-AMF, u mmirat li tipprovi input dwar kif jittejjbu r-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza, il-valur miżjud u l-kapaċità tagħha li tirrispondi għall-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-UE. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal ta' akkumpanjament ġie ppubblikat f'Jannar 2023.

- **It-Tuneżija u l-Ġordan:** l-evalwazzjoni kopriet l-operazzjoni tal-AMF mat-Tuneżija fl-2017-2019 u mal-Ġordan fl-2017-2019, li f'kull każ kien it-tieni pakkett ta' appoġġ bħal dan lill-pajjiż. Din sabet li d-daqs, il-forma u ż-żmien tal-operazzjonijiet kienu rilevanti u xierqa għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-pajjiżi, u pprovdew valur miżjud tal-UE. Fiż-żewġ pajjiżi, l-AMF kellha impatt pożittiv fuq is-sostenibbiltà tad-dejn u kellha rwol pożittiv fil-promozzjoni tal-istabilizzazzjoni makroekonomika. Il-kundizzjonalità kienet rilevanti u ffokat fuq oqsma ewlenin ta' riforma. L-operazzjonijiet appoġġaw bidla pożittiva f'xi oqsma ta' riforma, minkejja l-progress imħallat f'xi riformi speċifiċi oħrajn. Din kienet l-ewwel darba li żewġ operazzjonijiet, minħabba similaritajiet reġjonali, perjodi ta' żmien ta' implimentazzjoni li jikkoinċidu u kundizzjonalità komparabbli, ġew raggruppati f'evalwazzjoni waħda sabiex jaslu għal konklużjonijiet li jmorru lil hinn mill-operazzjoni speċifika. Minn perspettiva reġjonali, l-impatt pożittiv u l-effetti konsegwenzjali fuq ir-reġjun tal-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq (MENA) taż-żewġ AMFs kienu anqas kwantifikabbli minħabba d-daqs relattivament żgħir tal-ekonomiji appoġġati u l-integrazzjoni intrareġjonali baxxa, l-impatti pożittivi possibbli kienu fil-biċċa l-kbira relatati mal-effett ta' fiduċja. Iż-żewġ operazzjonijiet instabu li kienu konsistenti mal-qafas politiku ġenerali tal-UE, allinjati mal-aġenda ta' riforma tal-awtoritajiet u ma' programmi ta' donaturi oħra. Minħabba l-esperjenza pożittiva ġenerali bil-ġbir flimkien taż-żewġ operazzjonijiet f'evalwazzjoni waħda, huwa pplanat li l-ħidma titkompli bl-istess mod għal li jmiss, b'mod partikolari fuq l-operazzjonijiet tal-2017-2020 fis-SL u għall-pakkett tal-COVID-19, rispettivament, fejn dan l-approċċ jidher partikolarment rilevanti u promettenti minħabba x-xokk komuni li jissottolinja l-ħtieġa ta' appoġġ.

---

<sup>10</sup>L-evalwazzjonijiet kollha huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni: [https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities\\_en](https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities_en)

- **Il-metaevalwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-AMF għall-2010-2020:** L-evalwazzjoni kopriet 15-il operazzjoni tal-AMF mal-pajjiżi tas-SL, il-pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar, il-pajjiżi ta' qabel l-adeżjoni u pajjiżi oħra; ikkomplementata minn esperjenzi aktar riċenti bil-pakkett tal-COVID-19 u l-operazzjonijiet tal-AMF tal-2022 mal-Ukrajna. Din sabet li dawn l-operazzjonijiet kienu effiċjenti, rilevanti u koerenti, u ġġeneraw valur miżjud tal-UE. Barra minn hekk, l-istrument tal-AMF kien effettiv biex jgħin biex tiġi restawrata s-sostenibbiltà esterna u biex jiġu promossi r-riformi strutturali. L-effettività tal-AMF kienet appoġġata b'mod partikolari (i) mill-fokus fuq pajjiżi fil-viċinanza diretta tal-UE u r-rabtiet b'saħħithom ma' dawk il-pajjiżi, (ii) mill-preferenza għas-self u l-perjodu ta' disponibbiltà standard ta' sentejn u nofs li huwa twil biżżejjed biex jinċentiva r-riformi u l-implimentazzjoni tagħhom, u (iii) mill-fatt li l-kundizzjonijiet tal-politika (li nstabu li kienu rilevanti u sekwenzjati bir-reqqa) żguraw sforz komprensiv ta' riforma. L-evalwazzjoni kkonfermat ukoll li l-obiettivi, it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-AMF kienu fil-biċċa l-kbira komplementari u konsistenti ma' inizjattivi oħra tal-UE u mal-operazzjonijiet tal-FMI. Madankollu, l-evalwazzjoni indikat ukoll xi limitazzjonijiet. Il-proċeduri għall-adozzjoni ta' operazzjonijiet tal-AMF ġew ivvalutati bħala twal għal strument ta' kriżi, u b'hekk jimminaw kemxejn l-effettività tagħhom. Dan kien il-każ speċjalment għall-proċeduri standard tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u l-esperjenzi riċenti bil-pakkett tal-COVID-19 u l-appoġġ tal-AMF tal-2022 lill-Ukrajna wrew li l-użu tal-flessibbiltajiet proċedurali kollha disponibbli għen b'mod sinifikanti. In-nuqqas ta' flessibbiltà tal-MtQ deher ukoll li naqqas l-effettività tal-AMF fi żminijiet ta' bidliet profondi. L-evalwazzjoni indikat ukoll il-ħtieġa li tissaħħaħ il-viżibbiltà tal-AMF fil-pajjiżi benefiċjarji. Minn perspettiva metodoloġika, instab li l-evalwazzjonijiet tal-AMF twettqu bi standard għoli, speċjalment wara li l-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-2015 daħlu fis-seħħ.

Informazzjoni addizzjonali dwar iż-żewġ evalwazzjonijiet hija pprovduta fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

## 5 ŻVILUPPI ĠENERALI RELATATI MAL-ISTRUMENT TAL-AMF

### 5.1 *Il-funzjonament tal-istrument tal-AMF*

Id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-AMF <sup>(1)</sup> tqis l-assistenza bħala waħda ta' natura makroekonomika u finanzjarja u tiddikjara b'mod ċar li għandha l-għan li "tirkupra sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli għall-pajjiżi u għat-territorji eleġibbli li jiffaċċjaw diffikultajiet ta' finanzjament estern." Sabiex l-AMF tirnexxi bħala strument ta' "emerġenza", huwa għalhekk importanti li tiġi mmobilizzata b'mod effettiv u fil-ħin. Fl-istess ħin, ġie nnutat kemm mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll fil-metaevalwazzjoni msemmija hawn fuq tal-operazzjonijiet tal-AMF (2010-2020) li d-dewmien fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet tal-AMF mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-proċedura leġiżlattiva ordinarja jista' jkun nuqqas kbir għal strument li huwa maħsub biex iwieġeb għal kriżi tal-bilanċ tal-pagamenti, u bħala konsegwenza "jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora mal-koleġiżlaturi tagħha l-għażliet

<sup>11</sup> Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill adottata flimkien mad-deċiżjoni li tipprovdi assistenza makro-finanzjarja ulterjuri lill-Ġeorġja (Deċiżjoni (UE) 2013/778 tat-12 ta' Awwissu 2013). Disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32013D0778&from=MT>

disponibbli biex jiġu aċċellerati l-proċeduri ta' approvazzjoni ta' programmi tal-AMF sussegwenti, b' mod partikolari għall-finanzjament ta' emerġenza<sup>(12)</sup>.

Madankollu, il-Kummissjoni tinnotta li l-esperjenzi bil-pakkett tal-AMF tal-COVID-19 u l-operazzjonijiet tal-AMF tal-2022 għall-Ukrajna (AMF ta' emerġenza, AMF eċċezzjonali, AMF+) urew li l-istruttura attwali tal-AMF tista' tippermetti adozzjoni rapida ħafna, jekk l-istituzzjonijiet kollha jaqblu li jagħmlu użu sħiħ mill-flessibbiltajiet proċedurali disponibbli. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni ħadmet mal-Parlament u mal-Kunsill biex taqbel fuq l-użu ta' proċeduri ta' urġenza eżistenti li ppermettew l-adozzjoni tal-assistenza korrispondenti fi żmien xahar mill-proposti rispettivi tal-Kummissjoni miż-żewġ koleġiżlaturi. Il-Parlament Ewropew semma' klawżola speċifika (Artikolu 163) fir-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li ppermettiet li d-Deċiżjoni tiġi adottata minnufih fil-Plenarja, mingħajr ma jkollha tgħaddi mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA), kif inhi l-prattika regolari. Dan il-proċess ta' adozzjoni veloċi kien ir-riżultat ta' sens kondiviż ta' urġenza mill-istituzzjonijiet kollha f'dawn iż-żminijiet ta' sfida straordinarji.

Għalhekk, ir-Regoli ta' Proċedura kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Parlament Ewropew jipprevedu proċedura aċċellerata meħtieġa għal adozzjoni rapida f'sitwazzjonijiet ta' urġenza. Billi kien hemm kuntatti f'waqthom u kostruttivi, kien possibbli li jkun hemm proċess ta' adozzjoni aktar mgħaġġel skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, bl-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew, li ma kienx ikun il-każ kieku l-Kummissjoni kienet ipproponiet miżuri abbażi tal-Artikolu 213 tat-TFUE (applikabbli għal każijiet fejn tkun meħtieġa assistenza finanzjarja urġenti u biss billi l-Kunsill jadotta l-operazzjoni tal-AMF).

## 5.2 L-AMF fil-qafas finanzjarju pluriennali ta' bejn l-2021 u l-2027

Hekk kif il-Viċinat u t-Tkabbir tal-UE jibqgħu esposti għal inċertezza ġeopolitika għolja u jkomplu jesperjenzaw instabbiltà ekonomika, aggravati ulterjorment mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-ħtieġa li l-UE tikkunsidra li tipprovdi AMF x'aktarx li tibqa' għolja fis-snin li ġejjin. Għalhekk huwa importanti li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet ta' appoġġ baġitarju għal dan ikunu fis-seħħ.

Is-self tal-AMF huwa garantit mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna li nħolqot mir-Regolament NDICI, b'rata ta' provviżjonament ta' 9 % kif kien il-każ taħt il-QFP preċedenti<sup>(13)</sup>. Fid-dawl tal-ħtiġijiet straordinarji ta' appoġġ mill-bidu tal-QFP u b' mod partikolari l-appoġġ imdaqas tal-UE lill-Ukrajna permezz tal-AMF fl-2022, diġà ntuża ħafna mill-proviżjonament disponibbli. Il-Kaxxa 1 tipprovdi xi dettall dwar it-trattament baġitarju tal-appoġġ lill-Ukrajna fl-2022.

### 1. Kaxxa – trattament baġitarju tal-appoġġ lill-Ukrajna fl-2022

L-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-Ukrajna b'rispons għall-gwerra ta' aggressjoni Russa evolva progressivament, u dan jirrifletti l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha. Dan l-approċċ

<sup>12</sup> Ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (Nru 03/2017) disponibbli fuq: [https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17\\_3/SR\\_TUNISIA\\_MT.pdf](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR17_3/SR_TUNISIA_MT.pdf).

<sup>13</sup> L-istrument "Ewropa Globali" tal-NDICI daħal fis-seħħ f'Ġunju 2021, wara l-adozzjoni formali tiegħu mill-Kunsill u mill-Parlament. Għalhekk, filwaqt li r-Regolament għandu rwol importanti fl-istruttura baġitarja tal-AMF, l-istrument bħala tali jibqa' separat mill-NDICI-Ewropa Globali, u l-operazzjonijiet speċifiċi tal-AMF għadhom jiġu attivati, kif meħtieġ, permezz ta' deċiżjonijiet *ad hoc* separati abbażi tal-bażi ġuridika applikabbli tat-Trattat.

gradwali rriżulta fil-forniment ta' tliet operazzjonijiet tal-AMF fl-2022, bl-introduzzjoni ta' diversi arranġamenti baġitarji eċċezzjonali ġodda meta mqabbla ma' operazzjonijiet regolari tal-AMF.

L-ewwel nett, l-AMF ta' emerġenza lill-Ukrajna ta' massimu ta' EUR 1,2 biljun f'self, adottata fit-28 ta' Frar 2022 segwiet ix-xejra regolari tal-operazzjonijiet tal-AMF, u ġiet ipprovizjonata għal 9 % tal-valur nominali tas-self, f'konformità mar-Regolament NDICI.

It-tieni, fid-dawl tas-sitwazzjoni straordinarja fl-Ukrajna, jiġifieri li tiffinanzja l-ħtiġijiet ta' finanzjament immedjat wara l-aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja, ġie deċiż li s-self lill-Ukrajna taħt l-AMF eċċezzjonali (EUR 6 biljun f'żewġ operazzjonijiet ta' biljun u 5 biljuni rispettivament), minħabba r-riskju oġġla tiegħu fil-kuntest tal-gwerra, ikun kopert għal 70 % tal-valur tiegħu <sup>(14)</sup>. Minħabba d-disponibbiltà baġitarja limitata skont l-AMF, dan jissarraf f'dispożizzjonijiet imħallsa skont il-baġit tal-UE bir-rata ta' proviżjonament tradizzjonali ta' 9 % u garanziji nazzjonali bilaterali eżerċitabbli addizzjonali mill-Istati Membri għall-61 % tal-ammonti li jifdal.

Fl-aħħar, minħabba l-persistenza u l-eskalazzjoni tal-gwerra, il-koleġiżlaturi adottaw appoġġ ulterjuri u aktar strutturat għas-sena 2023 ta' EUR 18-il biljun f'self fil-forma ta' AMF+ ġdida. Sabiex jiġi limitat l-effett ta' esklużjoni tal-appoġġ imdaqqs lill-Ukrajna fuq operazzjonijiet tal-AMF futuri f'pajjiżi oħra, ġie deċiż li r-riskji assoċjati ma' dan is-self ikunu koperti b'mod differenti. B'mod aktar preċiż, l-obbligazzjoni finanzjarja korrispondenti hija ggarantita mill-marġni disponibbli taħt il-limitu massimu tar-“riżorsi proprji” (jiġifieri l-“marġni ta' manuvra”). Dan huwa relatat mal-flessibbiltà mogħtija mill-fatt li r-riżorsi jistgħu jiġu mmobilizzati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP u sal-limiti tal-limiti massimi tar-riżorsi proprji tal-UE. Dan l-arranġament jippermetti li s-self isir mingħajr il-proviżjonament li normalment jistipula r-Regolament NDICI.

Għalhekk, l-iżviluppi reċenti ħallew vojt sinifikanti fil-baġit tal-AMF għal self minħabba d-daqs u n-natura tal-appoġġ lill-Ukrajna. Sa issa ntużaw aktar minn 60 % tal-baġit allokat biex ikopri l-proviżjonament ta' self tal-AMF skont il-QFP attwali, sentejn biss wara d-dħul fis-seħħ tal-QFP attwali. Peress li l-AMF hija strument ta' kriżi, il-ħtiġijiet ma humiex programmabbli u huma diffiċli li wieħed ibassarhom, iżda x'aktarx li jibqgħu mdaqqs fil-kuntest attwali ta' inċertezza ġeopolitika għolja u l-konsegwenzi ekonomiċi mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna li jżidu mal-iżbilanċi makrofiskali eżistenti f'ħafna pajjiżi oħra. Jidher importanti li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed riżorsi disponibbli sabiex it-talbiet eliġibbli jkunu jistgħu jiġu kkunsidrati u possibbilment imwieġba b'mod favorevoli b'mod li jkun konsistenti bejn il-pajjiżi u maż-żmien.

Il-Garanzija għall-Azzjoni Esterna qed tiġi ġestita permezz tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni. Fil-kuntest tal-esponiment tal-UE għall-Ukrajna u r-reġjun, il-Kummissjoni bdiet valutazzjoni tar-riskji involuti.

<sup>14</sup> Ir-Regolament jinkludi wkoll klawżola ta' rieżami tar-rata ta' proviżjonament, kull 6 xhur, minħabba l-inċertezza eċċezzjonali b'konsegwenza tal-gwerra attwali.

## 6 INĦARSU 'L QUDDIEM – L-OPERAZZJONIJIET TAL-AMF U S-SITWAZZJONI BAĠITARJA FL-2023

L-ekonomija tal-Moldova kienet affettwata ħafna mill-invażjoni fuq skala sħiħa tar-Russja tal-Ukrajna, li kkontribwiet għal ħtiġijiet ta' finanzjament ogħla, amplifikati aktar mill-kriżi tal-enerġija li għaddejjja. Fid-dawl ta' dan, l-awtoritajiet talbu aktar appoġġ internazzjonali. Għalhekk, fl-10 ta' Novembru 2022, il-President tal-Kummissjoni ħabbar pakkett ta' appoġġ finanzjarju addizzjonali għall-Moldova ta' EUR 250 miljun, li għandu jitħallas parzjalment permezz tal-istrument tal-AMF. Fl-24 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni adottat proposta biex iżżid l-operazzjoni tal-AMF li għaddejjja b'sa EUR 145 miljun, inkluż sa EUR 100 miljun f'self fuq termini preferenzjali u sa EUR 45 miljun f'għotjiet. Iż-żieda għandha titħallas f'żewġ pagamenti parzjali addizzjonali, previsti b'mod tentattiv għal Q3/Q4-2023, soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ġodda miżjuda mal-Memorandum ta' Qbil (MtQ) eżistenti. L-adozzjoni tal-proposta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill saret f'Mejju 2023.

Fis-6 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni adottat proposta biex tippovdi AMF sa EUR 100 miljun lill-Maċedonja ta' Fuq wara deterjorament fis-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-pajjiż mill-ewwel talba tiegħu f'April 2022. L-AMF hija mistennija li titħallas f'żewġ pagamenti parzjali, previsti b'mod tentattiv għal Q3-2023 u Q1-2024, rispettivament. Ir-rilaxx ta' kull pagament parzjali se jkun jiddependi mill-progress li jkun qed isir bl-implimentazzjoni ta' għadd ta' miżuri ta' politika li għandhom jiġu miftiehma bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet u elenkati f'MtQ, kif ukoll rekord sodisfaċenti fl-implimentazzjoni tal-programm tal-FMI mal-Bord Eżekuttiv tal-FMI li jadotta linja ta' prekawżjoni u likwidità (PLL) ta' 24 xahar għall-Maċedonja ta' Fuq sa EUR 530 miljun fit-22 ta' Novembru 2022. Il-proposta tal-AMF lill-Maċedonja ta' Fuq ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill f'Ġunju 2023.

It-Tuneżija talbet assistenza makrofinanzjarja addizzjonali tal-UE ta' EUR 1,2 biljun f'Novembru 2022 biex tappoġġa l-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħha fil-kuntest ta' rkupru ta' wara l-pandemija bil-mod u l-konsegwenzi ekonomiċi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja fl-Ukrajna. Dan segwa l-ftehim fil-livell tal-persunal milħuq mal-FMI għal Faċilità ta' Fond Estiża ġdida (4 snin, USD 1,9 biljun) f'Ottubru 2022. Madankollu, il-FMI għadu ma adottax il-programm minħabba l-ħtieġa għal assigurazzjonijiet ta' finanzjament addizzjonali u għat-tlestija ta' azzjonijiet preċedenti. Minħabba l-kriżi li qed tikber, id-diskrepanza fil-finanzjament residwu estern tat-Tuneżija qed tikber u l-implimentazzjoni tar-riformi biex jindirizzaw il-vulnerabbiltajiet tal-pajjiż saret saħansitra aktar urġenti. Abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-prekondizzjonijiet tal-AMF u l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tat-Tuneżija, il-Kummissjoni qed tħejji proposta għal AMF ġdida li għandha tiġi adottata fl-2023 ladarba l-programm tal-FMI jkun fis-seħħ.

Il-Kummissjoni tinsab lesta li tikkunsidra kwalunkwe talba oħra li għad trid tiġi għall-AMF, u jekk xieraq, se tippromoni operazzjonijiet tal-AMF ġodda u/jew ta' segwitu għas-sħab eliġibbli.

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-impenji u l-pagamenti tal-għotjiet tal-AMF u tal-iżborż tas-self tal-AMF għall-2020, għall-2021, għall-2022 u (b'mod provviżorju) għall-2023.

**Tabella 1: Impenji u pagamenti għal għotjiet tal-AMF u żborżi ta' self tal-AMF għal bejn l-2020 u l-2023 (EUR)<sup>15</sup>**

	2020	2021	2022	2023
<b>Appropriazzjonijiet ta' impenn għal għotjiet fil-baġit</b>	20 000 000	227 200	30 114 460	56 710 579
Valutazzjonijiet operazzjonali, evalwazzjonijiet <i>ex post</i>	293 900	227 200	114 460	350 000
Operazzjonijiet tal-AMF oħrajn possibbli	-	-	30 000 000	45 000 000
<b>Impenji, totali</b>	293 900	227 200	30 114 460	45 350 000
Allokazzjonijiet tal-baġit mhux impenjati	19 706 100			Għad irid jiġi deċiż
<b>Appropriazzjonijiet ta' pagament għal għotjiet fil-baġit</b>	27 000 000	362 400	20 868 187	55 350 000
Valutazzjonijiet operazzjonali, evalwazzjonijiet <i>ex post</i>	284 600	362 400	-	350 000
AMF Georgia III (mitmuma)	5 000 000	-	-	-
AMF Moldova (mitmuma)	10 000 000	-	-	-
AMF Moldova	-	-	15 000 000	55 000 000
Operazzjonijiet tal-AMF oħrajn possibbli	-	-	-	-
<b>Pagamenti, totali</b>	15 284 600	362 400	-	55 350 000
Allokazzjonijiet mhux użati għal pagamenti ta' għotjiet	11 715 400		5 868 187	
<b>Żborżi ta' self tal-AMF</b>				
AMF Georgia III (mitmuma)	20 000 000	-	-	-
AMF Moldova (mitmuma)	20 000 000	-	-	-
AMF Ukraina IV (mitmuma)	500 000 000	-	-	-
AMF Ġordan II (mitmuma)	-	-	-	-
AMF Ġordan III (mitmuma)	100 000 000	200 000 000	-	200 000 000
AMF Tuneżija II (mitmuma)	-	-	-	-
AMF Moldova	-	-	35 000 000	35 000 000
AMF ta' Emerġenza Ukraina	-	-	1 200 000 000	-
AMF eċċezzjonali l-Ukraina	-	-	6 000 000 000	-
Żieda fl-AMF lill-Moldova	-	-	-	140 000 000
AMF+ Ukraina	-	-	-	18 000 000 000
<b>Żborżi ta' self tal-AMF, total</b>	<b>640 000 000</b>	<b>200 000 000</b>	<b>7 235 000 000</b>	<b>18 375 000 000</b>
<b>Operazzjonijiet tal-AMF għall-COVID-19:</b>				
AMF Georgia (parzjalment zborzata)	75 000 000	-	-	-
AMF Moldova (mitmuma)	50 000 000	50 000 000	-	-
AMF Ukraina (mitmuma)	600 000 000	600 000 000	-	-
AMF Ġordan (mitmuma)	150 000 000	50 000 000	-	-
AMF Tuneżija (mitmuma)	-	300 000 000	300 000 000	-
AMF Albanija (mitmuma)	-	180 000 000	-	-
AMF Bożnija-Herzegovina (parzjalment zborzata)	-	125 000 000	-	-
AMA Kosovo (mitmuma)	50 000 000	50 000 000	-	-
AMF Montenegro (mitmuma)	30 000 000	30 000 000	-	-
AMF Maċedonja ta' Fuq (mitmuma)	80 000 000	80 000 000	-	-
<b>Żborżi ta' self tal-AMF għall-COVID-19, total</b>	<b>1 035 000 000</b>	<b>1 465 000 000</b>	<b>300 000 000</b>	-
<b>Żborżi ta' self tal-AMF kollha, total</b>	<b>1 675 000 000</b>	<b>1 665 000 000</b>	<b>7 535 000 000</b>	<b>18 375 000 000</b>

<sup>15</sup> It-tabella ma tqis l-ebda proposta għal operazzjonijiet ġodda tal-AMF wara April 2023.